# QORTI KRIMINALI

# TAL-MAESTA' TAGHHA R-REĠINA

# (SEDI TAL-APPELL)

**19 ta' Jannar, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Col. Stephen J. Borg

**Inappellabilità — Negliġenza — Negliġenza tas-soġġett passiv — "Recklessness" — Art. 239, Kap. 12.**

*L-Attorney General għandu dritt jappella meta fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti tkun għamlet enunċjazzjoni skoretta ta' l-ipotesi tal-liġi.*

*In-negliġenza fis-sens tad-dritt kriminali għandha tkun "such culpable negligence as amounts to criminal misconduct".*

*Meta ikun hemm negliġenza da parti tas-soġġett passiv l-imputat ma jiġix skolpat sakemm ma jiġix pruvat li dik in-negliġenza tas-soġġett passiv kienet l-*unika *kawża determinata.*

Dan hu appell tal-Attorney General kontra s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fis-sebgħa (7) ta' Novembru 1962, li biha l-imsemmi Lt. Col. Borg ġie dikjarat mhux ħati tar-reat kontra tiegħu dedott u ġie liberat. L-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu li dik talli,

f'tas-Sliema, fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju 1962, f'xil-ħdax (11) ta' fil-għaxija, fl-Astra Hotel, li qiegħed taħt it-tmexxija tiegħu, ikkaġuna, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni u b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, il-mewt ta' Harold Elwood Wiggin, ċittadin Amerikan ta' tlieta u erbgħin (43) sena;

Kontra l-Appell tal-Attorney General ġiet sollevata l-eċċezzjoni **tal-inappellabilità;**

Din l-eċċezzjoni ma hijiex fondata. *Infatti*, fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti għamlet enunċjazzjoni skorretta tal-ipotesi tal-liġi, in kwantu li, sostanzjalment, irritenit li l-fatt li s-soġġett passiv ikun negliġenti jeskludi l-prevedibilità tal-akkadut, liema prevedibilità hija element tar-reat in parola. Tant tfisser sostanzjalment dik il-parti tas-sentenza fejn jin-għad li l-imputat ma setax jipprevedi li bniedem idaħħal rasu fl-apertura tal-lift, li ma kienitx protetta bir-ripar li kien meħ-tieġ. *Mentri l-ipotesi korretta hija ili n-negliġenza tas-soġ-*ġett passiv ma teskludix aprioristikament il-prevedibilità — anzi, fiċ-ċirkustanzi kongrui, wieħed għandu jirrispondi talli ma għamilx ir-ripari opportuni appuntu minħabba li jkun tenut jipprevedi li ħaddieħor ikun negliġenti u jista' jkorri għa-liex il-konsegwenzi tan-negliġenza tiegħu ma ġewx ovvjati b'dawk ir-ripari, li kienu imisshom saru;

Għalhekk, l-eċċezzjoni tal-inappellabilità hija respinta;

Ikkunsidrat fil-meritu —

Brevement, il-fatti kienu dawn. L-imsemmi Wiggin kien alloġġjat fil-Hotel Astra, li, fiż-żmien tal-inċident, kien Man-aging Director tiegħu, **in loco**, l-imputat. Fil-ġurnata ndikata, dan Wiggin mar biex jitla' bil-lift (ta' usu komuni) mill-pjan terran għall-kamra tiegħu, u għafas il-buttun tal-lift biex dan,

li kien fuq, jinżel għall-pjan terran, fejn kien huwa. Kif irrelata l-espert Francis Camilleri, nominat mill-ewwel Qorti, kien hemm spazju, bejn il-lift u t-tarag u l-landings li kien gie mħolli bla ebda ripar, bla **screens** jew fixed **guards.** Wiggin, f'ċertu ħin, ittawwal minn dan l-ispazju biex jara jekk il-lift kienx nieżel, u rasu inqabdet bejn il-gaġġa tal-lift li kien nieżel u pipe tal-ħadid, u ġie maqtul.

Ikkunsidrat:

L-art. 239 Kod. Krim. jikkontempla wkoll, bħala kawżali tal-akkadut, in-nuqqas ta' ħila u l-inosservanza ta' regolamenti. Dawn l-ipotesijiet ma jirrigwardawx dan il-każ, li, invece, jaqa' taħt l-ipotesijiet l-oħra ta' **negliġenza.**

Dina n-negliġenza, s'intendi, għandha tkun fis-sens taddritt kriminali u mhux biss tad-dritt ċivili, ċioè, għandha tkun "such culpable negligence as amounts to criminal misconduct..." — **Ara Harris & Wilshere,** (Crim. Law. p. 21) jew, kif jgħid il-**Kenny** (Outlines of Crim. Law — p. 137) "a reckless disregard of the likelihood of injury".

Għandu jiġi rilevat li l-imputat, bħala ġerent tal-lukanda u titolari tal-liċenzji tagħha, kellu l-obbligi kollha ta' lukandir, fosthom dak li jieħu "reasonable care' tas-sikurezza tal-alloġġati, — liema dover kien jinkombi lilu mhux biss il-prinċipji ġenerali tal-kwasi delitt imma anke għaliex l-alloġġat, bħala "guest" li jħallas għall-alloġġ, hu **invitee,** u l-lukandier **invitor** (ara Halsbury Vol. XXIII — para. 853 u para. 937 u nota (r) p. 661); (ara wkoll **Charlesworth** "The Law of Negligence" p. 182, 192).

Għandu jiġi notat li, meta Wiggin mar biex juża l-lift, u ma kien qed jagħmel xejn li jikkonvertih fi **trespasser** għaliex il-lift kien appuntu destinat għall-użu komuni anke, oltre oħ-

rajn, tal-alloġġati li jkunu jridu jilħqu l-pjan li fih tkun il-kamra tagħhom. Divers kien ikun il-każ, skond il-ġurisprudenza in materja, kieku Wiggin mar f'xi post fejn ma kellu ebda dritt li jkun (**Ara** għall-konfront taż-żewġ ipotesijiet, il-każ Walker v. Midland Ry (1866) 55 L.T. 489, — u Campbell v. Shelbourne Hotel Ltd. 1939, 2 K.B. 534).

L-espert, nominat mill-ewwel Qorti, esprima l-fehma tiegħu li kienet negliġenza u ħaġa perikoluża li dan il-liftway ma jiġix **screened** jew ikollu **fixed guards.** Irrileva li tant il-gaġġa, kemm il-wires tal-lift, jistgħu jintlaħqu mill-ġenb tat-taraġ tas-sulari kollha, kif ukoll mill-landings kollha fuq kull naħa ta' kull bieb tax-shutter (fol. 9);

Irrileva wkoll l-espert li dan il-lift kien qiegħed jintuża, qabel ma ġie akkwistat għal lukanda ġestita mill-imputat, fi blokk ta' appartamenti, u għalhekk ma kienx fabbrikat għal tal-apposta biex jitwaħħal **f'din** il-lukanda, — ċirkostanza li kienet tirrendi aktar impellenti li **screening** jew il-"guards", stante d-differenza tal-lokal fejn ġie kollokat (**ara** relaz. fol. 43, 48, u 49);

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti hi ta' fehma li dak li ġara seta' jiġi mhux biss **raġonevolment,** imma faċilment prevedut f'kull żmien mill-imputat. **Lift** f'lukanda tkun qegħda tiġi wżata kontinwament, u hi ħaġa fil-prevedibilità l-aktar ordinarja, meta dan il-lift ma hux protett bl-ebda mod kif ingħad u kif hemm fir-relazzjoni tal-perit, illi xi persuna tittawwal għal lift, sija pure inkawtament, u tkorri.

Anke jekk, **ex hypothesi,** Wiggin kien imprudenti, b'daqshekk ma jiġix skolpat l-imputat sakemm ma jiġix pruvat li dik in-negliġenza tas-soġġett passiv (Wiggin) kienet l-**unik**a

kawża determinanti. (Harris & Wilshere, loc. cit. p. 199) (Kenny, pp. 140-150) (**Cross & Jones** — Crim Law, pp. 228-229). Issa, żgur li n-negliġenza (jekk kien hemm verament negliġenza mill-parti ta' Wiggin) ma kienitx l-unika kawża determinanti tal-akkadut, għas-sempliċi raġuni li, bl-istess mod li wieħed jista' jgħid li kieku Wiggin ma ttawwalx is-sinistru ma kienx jiġri, tant ieħor jista' jingħad li Wiggin ma kienx ikun jista' jisporġi rasu fatalment kieku kien hemm li **screening** jew **il-guards.** — Del resto, hu importanti li jiġi rilevat li hi ħaġa ta' okkorrenza komuni li, meta wieħed iċempel għall-lift, imbagħad, speċjalment jekk il-lift idum, instintivament jittawwal ħalli jara hux ġej, imma, fil-każ ta' lifts debitament protetti, dan it-titwil isir **minn wara l-gradiljar protettiv u,** għalhekk, lil min jittawwal ma jiġrilu xejn, — mentri, f'dan il-każ, mhux biss l-aljenazzjoni momentanea ta' Wiggin hi ħaġa tant ta' spiss rikorrenti f'kulħadd li hi tabilfors prevedibili, imma l-istess Wiggin kellu kull ġustifikazzjoni li jaħseb li dan il-lift, bħal lifts l-oħra, fi stabbilimenti simili, ikun **debitament protett,** u li jaħseb li hu seta' għalhekk jittawwal impunement, — infatti l-lift, kif kien, kien jippreżenta "a trap". Lanqas għandu jintnesa li **liscreening** ossija **l-guards** li jitqegħdu f'konġenji simili, lifts u atrezzi oħra, ma jitqegħdux għal min hu infallibilment u impekkabilment prudenti, għaliex għal dawn ix-xorta ta' nies kważi lanqas hemm bżonnhom, — imma appuntu jitqegħdu biex jovvjaw għal xi att inkawt jew għal xi mument ta' aljenazzjoni. Għalhekk, l-att ta' Wiggin ma jiskolpax lill-imputat, għax xejn ma kien jirriżulta minnu, kieku l-lift kien riparat kif kien jeħtieġ li jkun. Dak l-att ta' Wiggin seta' biss jittraduċa f'inċident fatali l-pèrikolu potenzjali, li kien kreat unikament mill-imputat, bin-negliġenza tiegħu u li rrenda fatali dak l-att; (ara f'dan is-sens il-ġurisprudenza ingliża, ċitata fis-sentenza ta' din il-Qorti, similment presjeduta Vol. XXXVII, iv, 1051);

Ikkunsidrat:

Lanqas tħoss xi dubju din il-Qorti li l-grad ta' negliġenza tal-imputat kien **gross** (ara kliem ta' Lord Hewart, C.J. in- R.V. Bateman, 1925, Crim, App. Rep. 8 at p. 11) u tali li jammonta għar-**recklessness**, għaliex, f'post hekk frekwentat, b'nies telgħin u niżlin il-ġurnata kollha, bil-liftway perikolosament skopert fil-ġnub tat-taraġ u tal-landings, hi ċertament inġurja **gravi** illi min hu responsabili, u kkrea u jaf bil-perikolu, kif kien jaf l-imputat, ma jirrimedjax sollecitament, — inveċe hu għamel dak li preċisament, fil-ġurisprudenza ingliża, *jikkonstitwixxi* ***recklessness****, ċioè kif hemm jingħad,* "*wilfully* shutting one's eyes", nonostanti l-konsapevolezza inevitabili tal-perikolu, u għal snin sħaħ ħalla l-minaċċa kontinwa ta' dak il-perikolu u b'hekk wera "a reckless disregard for the safety of others". Hu utili wkoll li jiġi rimarkat illi l-imputat kien sa anki edott mill-fatt li ġie li xi nies fil-lukanda kienu jiġbdu l-wires tal-lift, u li għalhekk hu kellu (kif qal hu) xi ħsieb li jagħmel xi ripar.

Din il-Qorti, għalhekk, tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-Attorney General, tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija, tiddikjara lill-imputat ħati talli, b'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni, ikkaġuna l-mewt tal-imsemmi Wiggin, u, wara li rat l-art. 239 Kap. 12, Ediz. Riv., tikkundannah għal piena tal-multa ta' mitt lira (£100).